MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 904/2005

Raymond u Angele konjugi Muliett f'isimhom propju u l-istess konjugi li jidhru in rapprezentanza ta' binhom minuri Arnold Muliett
vs
Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi nomine li biha ppremettew:

Illi l-attur Raymond Muliett kellu zball fil-mod kif inhu miktub il-kunjom tal-familja tieghu fic-certifikat tat-twelid u cioe` l-kunjom "Mugliett" kien qed jinkiteb u jidher bhala "Muliett" u li dan l-izball kien jirrifletti f'dokumenti ufficjali ohra.

Illi l-izball kien sar fid-dokument ufficjali tat-twelid ta' l-attur, Raymond Muliett, dan l-izball kien baqa' jigi kommess u ghaldaqstant ripetut fid-dokument tat-twelid

ta’ l-iben Arnold u fil-kunjom taz-zwieg ta’ Angela, mart Raymond.

Illi dan l-izball ma kienx jidher fid-dokumenti ufficjali kollha u ghaldaqstant kienet qed tinholoq anomalija minhabba li l-kunjom tal-familja kien differenti bejn dak li kien jidher fil-Karta ta’ l-Identita` u l-Passaport.

Illi wiehed mill-ulied u cioe` Andy, kellu d-dokument ufficjali bil-kunjom korrett u ghaldaqstant differenti minn tal-familja.

Illi kif kien jidher fic-certifikat tat-twelid ta’ l-antenati ta’ l-istess familja l-kunjom originali kien dak ta’ “Muliett” u li dan l-izball kien zviluppa fic-certifikat tat-twelid ta’ missier l-attur Raymond Muliett.

Illi l-atturi kienu jixtiequ li l-kunjom taghhom u tad-dixxendenti taghhom ikun kif imnissel mill-antenati taghhom sa kif jidher mis-sena elf disgha mija u ghaxra (1910) u cioe` li tigi inserita l-konsonanti ‘g’.

Illi kien jidher car u kif ippruvat permezz tad-dokumenti ufficjali tat-twelid ta’ l-antenati li l-kunjom originali kien “Mugliett”.

Illi jigi korrett il-kunjom tal-atturi fl-atti civili taghha issir a bazi ta’ l-Artikolu 253 subinciz (1) tal-Kap 16 u mhux kif erronjament indikat minnhom fic-citazzjoni (mizjuda mal-premessi b’digriet tad-19 ta’ Ottubru, 2006).

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li hemm zball fil-kunjom ta’ Raymond fic-certifikat tat-twelid, il-kunjom ta’ Arnold qieghed inmizzel hazin fil-passaport, filwaqt illi fil-passaport ta’ il-kunjom huwa wkoll imnizzel hazin – u b’digriet tat-28 ta’ Marzu, 2006 din it-talba giet sostitwita bis-segwenti: Tiddikjara li hemm zball fil-kunjom ta’ Raymond fic-certifikat tat-twelid u li sussegwentement u b’rizultat ta’ dan, hemm zball fil-kunjom kif imnizzel fil-passaport ta’ iben Raymond u cioe`

Arnold, filwaqt li l-passaport tal-mara ta' Raymond u cioe` Angela Muliett il-kunjom huwa mnizzel hazin ukoll.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjoni tal-kunjom ta' l-atturi minn "Muliett" ghal "Mugliett" kif stabbilit fl-Artikolu 253 subinciz (2) u (3) tal-Kap 16 u b'digriet tad-19 ta' Ottubru, 2006 gie korrett ghal subinciz (1) tal-Kap 16.

3. Li jigu emendati: a) l-att tat-twelid ta' Raymond Muliett li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4718 tas-sena 1963; b) l-att tat-twelid ta' l-iben Arnold Muliett li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4231 tas-sena 1991; c) l-att taz-zwieg tal-konjugi Muliett li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1242 tas-sena 1986.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-atturi nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi l-konvenut fil-mertu ma kienx edott mill-fatti u rrimetta ruhu ghall-provi dwar it-talbiet fir-rigward tal-kunjom ta' l-attur Raymond Muliett specifikat fl-Att tat-Twlied li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4718 tas-sena 1963, ghall-gudizzju ta' din il-Qorti.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talbiet ta' l-atturi, il-konvenut irrileva li l-atturi riedu jintavolaw dawn il-proceduri a bazi ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux kif kien gie erronjament indikat fit-tieni talba attrici stante li t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 253 kien jirrigwarda "*l-isem jew ismijiet*" u mhux il-kunjom tal-persuna.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost ukoll, il-paragrafu tlieta ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 16, jistipula li l-atturi kellhom jinkludu talba biex il-bdil effettwat fl-Att tat-Twelid jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess atturi u l-istess paragrafu tlieta jesigi li l-atti kienu jridu jigu indikati

fit-talba bin-numru ta' l-att u s-sena relattivi taghhom. Inoltre, il-korrezzjonijiet fil-passaporti msemmija jsiru sussegwentement li l-Att tat-Twelid ta' l-attur Raymond Muliett jigi korrett b'ordni ta' din il-Qorti, jekk it-talbiet attrici jigu milqugha.

4. Illi kellha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid ta' l-attur Raymond Muliett ma kienx attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant ma kellux jigi suggett ghall-ispejjez ta' l-istanti stante li ma kien jirrizulta li sar ebda zball min-naha tal-konvenut. Fil-fatt id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni kien il-missier ta' l-attur Raymond Muliett u cioe` Peter Paul Muliett li kien iddikjara li kunjomu huwa 'Muliett' u kien anke ffirma bhala 'P.P. Muliett'. Dikjarant fuq Att ta' l-Istat Civili huwa obbligat li l-informazjoni li jiddikjara u jiffirma ghaliha hija korretta.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' April, 2006.

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju, 2006 li minnu jirrizulta li in segwitu ghall-pubblikazzjoni, Dr. D'Alessandro ghall-intimat rtirat ir-raba' eccezzjoni.

Gie prezentat affidavit ta' Raymond Muliett li fih issemma li fic-certifikat tat-twelid tieghu kien sar zball fil-kunjom u kien gie mnizzel bhala "Muliett". Sostna li fic-certifikati tat-twelid ta' missieru u ta' nannuh il-kunjom huwa mnizzel bhala "Mugliett", u anke kunjom il-buznannu tieghu huwa mnizzel l-istess. Qal li l-ewwel darba li kien sar dan l-izball kien fl-1963 meta twieled hu u missieru rregistra t-twelid tieghu. Qal li fic-certifikat ta' ibnu Andy l-kunjom huwa mnizzel tajjeb izda fic-certifikat ta' ibnu l-iehor Arnold il-kunjom huwa nmizzel bhala Muliett. Qal li dan qed johloq anomalija minhabba li l-kunjom tal-familja mhux l-istess.

Gie prezentat affidavit ta' Angela Muliett li fih issemma li hi mizzewga lil Raymond Muliett u fic-certifikat taz-zwieg il-kunjom imnizzel bhala Muliett. Hi qalet li lill-familjari tar-ragel taghha minn dejjem kienet tafhom bhala Mugliett. Dwar it-tfal taghhom qalet li kunjom it-tifel il-kbir taghhom Andy gie mnizzel bhala Mugliett waqt li kunjom it-tfel Arnold gie mnizzel bhala Muliett.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza saret biex jigi korrett il-kunjom tal-attur Raymond Muliett fl-Att tat-Twelid u fl-Att tat-Twelid ta' ibnu Arnold Muliett, u wkoll l-Att taz-Zwieg fejn jirrigwarda l-kunjom, u dan billi l-kunjom Muliett jinsab miktub hazin cioe` "Muliett" minflok "Mugliett". Jirrizulta li din il-kawza saret biex jigu korretti l-Atti tat-Twelid u taz-Xwieg imsemmija hawn fuq, fis-sens li l-kunjom erronjament tnizzelli kien "Muliett", u ghalhekk dan jigi sostitwit bil-kunjom veru li huwa "Mugliett", u ghaldaqstant, dan l-izball jista' jaghti lok ghal anomalija.

Illi gie eccepit mill-konvenut li jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghar-rigward tat-talbiet relatati mal-kunjom tal-attur. Di piu`, gie eccepit li t-talbiet tal-attur ghandhom ikunu a bazi tal- ewwel subinciz tal-Artikolu 253 tal-Kap 16, u mhux kif gie indikat fic-citazzjoni. Jirrizulta li saret korrezzjoni f'dan is-sens fic-citazzjoni tal-attur. U li skond it-tielet subinciz tal-artikolu 253, ghandhom jinghataw id-dettalji tan-numri tal-atti u s-snin relattivi taghhom, liema korrezzjoni jirrizulta li saret sussegwentement fic-

citazzjoni odjerna. Fl-ahharnett, gie eccepit, li dan l-izball fil-kunjom mhuwiex atribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut, ghalhekk l-ispejjez ta' din il-kawza m'ghandhomx jigu attribwiti lilu.

Illi tressqu l-atti ta' stati civili; dawn huma l-Att tat-twelid ta' Raymond Muliett bin-numru 4718 tal-1963 ( a fol 10), u l-Att tat-Twelid ta' Arnold Muliett bin-numru 4231 tal-1991 ( a fol 5). F' dawn ic-certifikati, kull darba jissemma l-kunjom ta' missier l-atturi, u dan jidher imnizzel fl-ghamla "Muliett". Dan japplika wkoll fil-parti tal-imsemmija atti fejn hemm il-firma ta' min ikun qieghed jaghmel id-dikjarazzjoni.

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata u kif ukoll fl-interess ta' terzi, u huwa f'dawn il-limiti li l-Qorti ghandha tqis talbiet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn. Illi sewwasew minhabba li l-bdil fl-atti ta' stat civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati Taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-atur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din. F' dawn il-kazijiet, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jsehhu bidliet bhal dawn. (Ara **Mc Lean gia Abdillah vs Cremona nomine,** deciza fil-31 ta' Ottubru, 1930, **Pierre Axiaq et vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku,** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-21 ta' Gunju 2001, **Harold Ellul et vs Direttur tar-Registru Pubbliku,** Prim' Awla Qorti Civili, deciza fil-5 ta' April 2001, **Mandy Lowrey vs Direttur tar-Registru Pubbliku,** Prim' Awla Qorti Civili, deciza fid-9 ta' Ottubru 1998).

Illi ghalhekk, talba ghal bdil fil-kunjom ghandha izjed tirnexxi meta jkun jidher car mill-atti u provi dokumentali mressqin li hija frott ta' zball. Illi mill-provi mressqa ma rrizultax li l-izball fit-traskrizzjoni, ta' kunjom l-atturi kien zball tal-konvenut. Anzi, jirrizulta mic-certifikat a fol 35 li d-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid tal-attur, kien Peter Paul Muliett li ddikjara li l-informazzjoni li ta kienet sewwa. Ghalhekk, ma jista' jigi attribwit l-ebda zball lill-konvenut. Illi min-naha tieghu, l-konvenut ma ressaqx opposizjoni

ghat-talba, izda biss gie rilevat li l-konvenut ma jahtix ghall-izball hu.

Jirrizulta mill-atti li l-attur talab ukoll li ssir korrezzjoni tal-kunjom li hemm imnizzel fil-passaport ta’ Arnold Muliett u tal-mara ta’ Raymond cioe` Angela Muliett.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti ghadha kemm ghamlet, hija tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha. Ghalhekk, il-Qorti tilqa` t-talba tal-attur u –

Tiddikjara li hemm zball fil-kunjom ta’ Raymond fic-certifikat tat-twelid u li sussegwentement u b’rizultat ta’ dan, hemm zball fil-kunjom kif imnizzel fil-passaport ta’ iben Raymond u cioe` Arnold, filwaqt li l-passaport tal-mara ta’ Raymond u cioe` Angela Muliett il-kunjom huwa mnizzel hazin ukoll.

Tordna li fl-Att tat-Twelid, ta’ Raymond Muliett, bin-numru 4718/1963 il-kelma “Muliett” tigi mibdula bil-kelma “Mugliett”;

Tordna l-istess emenda fl-Att tat-Twelid ta’ Arnold Muliett, li jgib in-numru 4231/1991;

Tordna l-istess emenda fl-Att taz-Zwieg bin-numru 1242/1986.
L-istess korrezzjoni fil-kunjom issir sussegwentement ghal tali emendi fl-atti tat-Twelid u taz-Zwieg.

Tordna wkoll, ghall-finijiet tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b’kopja vera ta’ din is-sentenza u li, fi zmien imsemmi minn dak l-Artikolu, jaghmel it-tibdil ordnat bis-sahha ta’ din is-sentenza fl-imsemmija Atti tat-Twelid tal-atturi.

Spejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------